

**Il-Ħames Ħadd ta' matul is-Sena**
Il-Ħadd 5 ta' Frar 2023

# Aħbar Tajba

Is 58, 7-10
Salm 111 (112), 4-5.6-7.8a.9
1 Kor 2, 1-5
Mt 5, 13-16

**"Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu** musbieħ u jqegħduh taħt is-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar."

Waħda mis-sentenzi ta' Ġesù li tgħallimt meta kont żgħir hi: "Ħallu d-dawl tagħkom jiddi quddiem il-bnedmin biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jfaħħru lil missierkom li hu fis-smewwiet." Kien għallimhielna l-katekist li kien jgħallimna l-MUSEUM u minn żmien għal żmien terġa' tiġi f'moħħi – "Ħallu d-dawl tagħkom jiddi..."

Ma' din is-sentenza dejjem tiġi f'moħħi storja li smajt mingħand counsellor ħabib tiegħi. Kien hemm tifel li mar fuqu jgħidlu li sar jaf xi ħaġa fuq missieru li qatt ma basar. Kien ilu jinnota li missieru, għalkemm jibda x-xogħol fid-9.00 am, dejjem jitlaq mid-dar fis-7.30am. Il-kurżità bdiet tikber ġmielha. Għaliex kien iqum daqshekk kmieni jekk ix-xogħol jibda daqshekk tard? Fl-aħħar qata' l-kurżità li kellu għax il-Ħadd ta' qabel marret ommu biex tqajmu biex imur għall-quddies u beda ħiereġ b'ħafna skużi biex ma jmurx. Ħin minnhom qalilha li la sħabu ma jmorrux, għaliex għandu jmur hu. Kien hawn li ommu, mingħajr ħafna tgergir u ssikkar żejjed, urietu li l-quddies immorru mhux għax bilfors imma għax tgħinna nkunu aħjar, u fl-aħħar spiċċat li għalhekk missieru jmur jieħu sehem fil-quddiesa kuljum qabel ix-xogħol. Ħallietu bla kliem u qam minnufih, libes u mar għall-quddies.

X'taħsbu li kkonvinċieh lil dak it-tifel biex imur għall-quddies? Mhux ħafna tgergir u x'suppost jew mhux suppost jagħmel, imma l-eżempju tajjeb ta' missieru. Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù qed ifittex li jagħmlilna kuraġġ għax b'dak li nagħmlu nistgħu nkunu ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn.

Żgur li smajtu b'Madre Tereża. Illum hi waħda mill-qaddisin tal-Knisja, imma mhux għax ħadmet biex issir famuża! Kienet tgħix ħajja kwieta u fl-istess ħin taqdi lil dawk ta' madwarha. Imma meta rat il-faqar kbir li kien hemm barra l-kunvent, indunat li Alla kien qed isejħilha biex titlaq kollox u tmur tgħin lill-foqra, u hekk għamlet. F'qasir żmien, ħafna nies oħra ngħaqdu magħha għax raw il-ġid li kienet qiegħda tagħmel, u xtaqu jagħmlu l-istess. Kien l-eżempju tagħha li ġibed tant nies li jiddedikaw ħajjithom għal dawk tant fil-bżonn.

Illum il-Knisja għażlitha b'waħda mill-qaddisin tagħha biex l-eżempju tagħha jibqa' jkun bħal dawl għalina biex naraw kif nistgħu ngħinu lil dawk ta' madwarna u hekk nkunu, aħna wkoll, dawl għad-dinja.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

ĠESÙ, DIXXIPLI, MELĦ, ART, TOGĦMA, DAWL, DINJA, BELT, MUNTANJA, MUSBIEĦ, IMNARA, GĦEMEJJEL

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | N | Ż | E | B | B | U | Ġ | A | R |
| N | A | D | I | X | X | I | P | L | I |
| GĦ | D | A | R | T | O | GĦ | M | A | X |
| A | U | W | B | E | L | T | U | GĦ | A |
| R | M | L | F | U | Q | IE | S | A | GĦ |
| B | E | L | T | A | D | L | B | J | R |
| A | L | U | N | Z | I | A | IE | N | A |
| B | Ħ | R | E | R | N | W | Ħ | S | T |
| X | E | W | K | I | J | A | F | IE | Ġ |
| I | M | N | A | R | A | B | A | T | E |
| L | GĦ | E | M | E | J | J | E | L | S |
| M | U | N | T | A | N | J | A | B | Ù |
| A | GĦ | A | S | R | I | GĦ | A | W | D |



# Intom **id-dawl** tad-**dinja**

## Il-Kant Gregorjan

Mal-waqgħa tal-Imperu Ruman fis-seklu erbgħa, il-Knisja Kattolika permezz tal-Papa ġewwa Ruma ħadet ir-rwol li tgħaqqad in-nies Ewropej li sa ftit snin qabel kien jagħmlu parti mill-Imperu. L-Insara bdew jibnu knejjes u bażiliċi biex fihom jiltaqgħu u jiċċelebraw il-Liturġija. Qaddisin kbar ta' dak iż-żmien bħal Santu Wistin, San Ġlormu, San Ambroġ u San Bażilju kollha kitbu dwar il-mużika u l-qawwa li din għandha biex lill-bniedem tressqu lejn Alla u lejn l-ispiritwalità. Il-Liturġija uffiċċjali tal-Knisja kienet bil-Latin u għalhekk anke l-innijiet u l-mużika sagra tal-Knisja kienu b'din il-lingwa.



Fir-raba' u l-ħames sekli, l-Insara f'diversi pajjiżi u bliet ta' dak iż-żmien, bħal Milan, Ruma, l-Irlanda, Spanja u Franza kellhom sistemi ta' liturġija u mużika bi stili differenti. Mis-Seklu 6 'il quddiem, il-Papa Girgor I irnexxielu jgħaqqad ħafna minn dawn l-innijiet u stili differenti fi stil wieħed hekk imsejjaħ il-'Kant Gregorjan'. Il-Kant Gregorjan ma hu xejn ħlief talb u tifħir lil Alla li jitkanta fuq melodija li għall-bidu kienet tkun sempliċi, imma li mal-medda taż-żmien bdew jitkantaw b'melodiji aktar ikkumplikati u mirqumin. Dan il-kant kien isir mill-qassisin jew mill-monaċi li kienu jippreparawh b'reqqa kbira biex imbagħad jitkanta quddiem l-Insara l-oħra waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi. Il-Kant Gregorjan għandu qawwa kbira li jgħaqqad il-miġemgħa, kif ukoll jgħin biex terfa' l-ħsieb tiegħek lejn Alla.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.








**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

media**centre**

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

media**centre** YOUTHEME FOUNDATION